

# Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Bormla

## mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan

*kitba ta'* **Joseph R. Gatt**

Il-konsagrazzjoni ta' knisja hija ġrajja importanti ħafna fil-ħajja ta' poplu nisrani. Ir-rit tal-konsagrazzjoni jew dedikazzjoni huwa kollu tifsiriet ta' qima, ħajr u ġenerożità tal-poplu nisrani lejn Alla li ħalqu.

Il-konsagrazzjoni tibdel imkien profan u tagħmlu post imqaddes iddedikat għall-qima ta' Alla; u jsir id-Dar ta' Alla. B'hekk, il-poplu nisrani juri l-qima u l-ħajr tiegħu lil Alla u jagħmlu Tempju Mqaddes għall-qima, għas-Sagrifiċċju tal-quddiesa, għat-talb u għall-għoti tas-Sagramenti Mqaddsa.

## It-Tħejjijiet

Wara li l-Bormliżi raw li l-knisja tagħhom ma kinetx taqdi l-ħtiġijiet tal-poplu li kien kiber sewwa, ħassew il-ħtieġa li jkollhom knisja aktar kbira u aħjar. Il-knisja l-qadima nħattet u nbniet mill-ġdid. Saru l-altari ġodda tal-ġnub, il-kor, il-kappelluni u l-kappelli. Tqiegħdu s-slaleb tal-konsagrazzjoni ta' rħam mal-pilastri bejn il-pilastri doppji ta' taħt il-koppla fuq mensoli tal-gebel skulturati u mal-ewwel u t-tieni pilastri tal-korsija. Dak ta' wara l-pulptu ma narawhx. Ix-xogħol kien tlesta sa sena 1732.

## Jum il-Konsagrazzjoni

Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun G. Crizostimo Crispo (1717–1742), meta ra li kollox kien lest talab lill-Isqof Paolo Alpheran De Bussan biex il-knisja tiġi kkonsagrata. L-Isqof laqa' t-talba, ħareġ id-digriet u ntgħażlet l-ottava ta' Lapsi; il-Ħadd 25 ta' Mejju 1732. Il-Bormliżi kienu ilhom jistennewh dan il-jum sabiħ. Kienet ġurnata memorabbli għall-kappillan, il-kleru u għall-Bormliżi kollha li attendew għaċ-ċerimonja.

Kien l-istess Isqof li fit-8 ta' Ġunju 1732 ried li t-titular jinbidel minn dak tal-Madonna tas-Sokkors għal dak ta' Marija Immakulata.

## Min kien l-Isqof Alpheran

Wara l-mewt tal-Isqof Gori Mancini, li miet f'Lulju 1727, f'Augusta, fi Sqallija, il-Papa Benedittu XIII, ħatar lil Paolo Alpheran de Bussan Isqof ta' Malta. Kien l-ewwel Isqof ta' Malta, Franċiż u Prijur tal-Ordni ta' San Ġwann. Ġie kkonsagrat mill-istess Papa fit-8 ta' Marzu 1728 f'Ruma, u tah it-titlu ta' Arċisqof titulari ta' Damietta *in partibus infidelium*.

Twieled fit-28 ta' Ottubru 1686 fil-belt ta' *Aix en Provence,* Franza, minn familja nobbli u eżemplari. Fl-1705, kiseb baċellerat fit-teoloġija mill-Università AIX. F'dik l-istess sena ġie Malta u għamel l-ingress tiegħu f'Ġunju 1728. Baqa' ħajtu kollha hawn. Għall-ewwel kien joqgħod ma' zijuh, il-Kappillan tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra Melchiore Alpheran de Bussan.

## Viżti Pastorali

Fl-istess sena tal-ħatra tiegħu (1728) għamel l-ewwel viżta pastorali u wara għamel tlieta oħra fl-1736, fl-1745 u fl-1751. Il-viżti pastorali tiegħu huma interessanti ħafna għax il-kanċillier tal-viżti niżżel fihom ħafna dettalji.

Alpheran ikkonsagra ħafna knejjes, tlieta fl-1729 fosthom il-parroċċi ta' San Nikola tas-Siġġiewi, San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, Marija Bambina tan-Naxxar, tnejn fl-1731 San Ġorġ ta' Ħal Qormi u Santa Katerina taż-Żurrieq, waħda fl-1732 Bormla, oħra fl-1740 San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta u San Ġorġ tar-Rabat Għawdex fl-1755 u ta' Marija Bambina (il-qadima) tal-Isla fl-1743. Imma hemm knejjes oħrajn.

## Ħidmiet Oħra

Fl-1733 qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja ta' San Pubbliju tal-Furjana u fl-1740 iddikjaraha Viċi-Parroċċa, tlesta s-Seminarju ġdid fl-Imdina (illum il-Mużew tal-Katidral) u fl-1745 bierek il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija (il-knisja l-qadima) ta' Birkirkara.

Miet ta' 71 sena, fl-20 ta' April 1757 fil-palazz tiegħu fl-Imdina, wara episkopat ta' 29 sena. Sarulu funerali solenni fil-Katidral, fil-Birgu, f'San Pawl il-Belt u fi knejjes oħrajn. Midfun fil-kannierja tal-Katidral, imma qalbu midfuna fil-kappella tas-Seminarju li kien bena. B'tifkira u b'turija

ta' radd ta' ħajr għall-benefiċċji li l-kapitlu tal-Katidral kiseb bis-saħħa tiegħu, qiegħed lapida oħra, b'kitba bil-Latin fil-kappella tas-Sagrament.

## Jum ta' ferħ – il-Konsagrazzjoni

Saret fil-25 ta' Mejju tal-1732 (Ottava ta' Lapsi) mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728–1757). Fi żmien il-Kavallieri Dun Ġ. Griżostimo Crispo (1717–1742). Leljet il-Konsagrazzjoni, is-Sibt 24 ta' Mejju 1732, kien jum ta' sawm u astinenza mil-laħam bħala tħejjija għannies ta' Bormla, il-Birgu u l-Isla. L-għada l-Ħadd bdiet il-funzjoni bl-aktar solennità. L-Isqof bierek u inċensa l-ħitan ta' barra għal tliet darbiet. Wara daħal fil-knisja u tkanta l-*Veni Creator Spiritus* u l-*Benedictus* (Cantico di Zaccaria – Luqa 1.68-79). L-Isqof kompla ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni billi dilek, bierek u inċensa t-tnax-il salib li hemm mal-pilastri prinċipali tal-knisja. It-tnax-il medaljun tas-slaleb tal-konsagrazzjoni narawhom, tmienja mal-pilastri doppji ta' taħt il-koppla u l-erbgħa l-oħra fil-korsija; dak ta' wara l-pulptu ma jidhirx. Dawn is-slaleb midluka biż-żejt f'jum



*Il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla*

il-konsagrazzjoni, huma xbieha tat-tnax-il appostlu li fuqhom Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu. Jinxtegħlu f'jum it-tifkira.

Imbagħad fil-wiċċ tal-altar ewlieni kienet tħejjiet ħofra żgħira kaxxa *cofanetto* u biċċa rħama oħra żgħira biex tgħattiha. L-Isqof dilek din 'il-qabar', inċensa l-altar u qiegħed il-kaxxa tar-relikwi u l-għatu tal-irħam u ssiġilla kollox. Wara kkonsagra l-Altar Maġġur li fih kienu ndifnu l-għadam ta' tliet qaddisin martri – San Ġustinu, San Severinu u San Desiderju. Mal-kant tat-*Te Deum* daqqew il-qniepen kollha ta' Bormla, il-Birgu u l-Isla u sparaw il-maskli. Reġistrat u dokumenttat fl-Atti Ċivili (1731-1732) tal-Kurja ta' Malta.

## Lapida b'tifkira

Twaħħlet lapida tal-irħam b'tifkira, din narawha ħdejn il-Bieb Maġġur tal-Knisja, 'il fuq mill-Fonti tal-Magħmudija (San Ġwann jgħammed 'il Kristu). Il-kliem bil-latin tagħha bil-Malti jinqara hekk: 'Dan it-Tempju ddedikat lil Marija Immakulata, Fra Paolo Alpheran De Bussan, l-Isqof ta' Malta b'rit solenni kkonsagrah fil-25 ta' Mejju 1732, fi żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena u l-Papa Klement XII.'

Il-Papa Piju VII b'digriet tas-16 ta' Jannar 1830 ordna li t-tifkira ta' din il-Konsagrazzjoni għandha ssir kull sena fil-21 ta' Ottubru, flok fit-23 jum wara l-Għid.

## Tifkira ta' kull sena

Il-Knisja trid li kull sena ssir it-tifkira solenni ta' din il-ġrajja. Maż-żmien il-Knisja f'Malta ordnat li t-tifkira tal-konsagrazzjoni ta' kull knisja ssir fl-istess jum għal kull parroċċa fid-djoċesi. L-Isqof Mauro Caruana kien ried li t-tifkira ssir fis-26 ta' Settembru ta' kull sena. Imma llum, wara r-riforma tal-Konċilju Vatikan II, iċ-ċerimonja tar-rit tad-Dedikazzjoni tal-knejjes qsaret ħafna u t-tifkira qed issir l-aħħar Ħadd ta' Ottubru, jekk ma tkunx se ssir fil-25 tal-istess xahar, jew fil-jum proprju ta' meta saret jekk ikun magħruf.

Referenzi
Bonello Jos. – Bormla 1982
Bonnici Alex. – Minn Pubbliju sa Pawl 2007
Bonnici Art. – History of the Church in Malta Vol. II, 1968
Cospicua – Diversi Harġiet